# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 20 ta' Gunju 2001**

**Numru  7**

**Citaz.  numru:  907/01 M1 NA**
**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 4245/00**

**Joseph Magri**

**vs**

**RoseMarie Magri**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Mejju 2001 fejn titlob lill-Qorti tirrevoka Mandat ta' Inibizzjoni li kien inhareg kontra taghha mill-intimat biex hija tkun tista' issiefer mal-minuri Gratia.

Fit-30 ta' Mejju 2001 a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili il-Qorti ordnat in-notifika ta'

dan ir-rikors lill-kontro-parti u appuntat l-istess ghas-smiegh ghat-12 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti semghet lill-partijiet fis-seduti tat-2 u 13 ta' Gunju 2001 ghal liema data r-rikors kien gie ddifferiet, rat ir-risposta ta' l-intimat tat-13 ta' Gunju fejn, bazikament ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti, u ddifferiet ir-rikors ghallum ghall-provvediment.

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-rikors instema' kontestwalment flimkien ma' rikors iehor ipprezentat mill-attrici fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni bejn dawn il-partijiet (Citaz. Nru. 1700/98M4) fejn talbet lill-Qorti tawtorizza l-hrug ta' passaport f'isem il-minuri peress illi din kellha bzonn tmur l-Ingilterra ghar-ragunijiet medici. Effettivament jirrizulta anke mic-certifikat ipprezentat fl-atti ta' dan ir-rikors illi l-minuri Gratia qed tbati minn kondizzjoni medika serja li tirrikjedi li hija ssiefer ghall-kura. F'dak ir-rikors il-Qorti wara li ezaminat il-materja dehrilha illi kellha tawtorizza l-hrug ta' passaport ghall-minuri taht certi kondizzjonijiet hemm imsemmija.

Ghal dawk ir-ragunijiet apparti milli dak mitlub fir-rikors odjern jirrizulta gustifikat anke mill-atti processwali f'dan ir-rikors il-Qorti tilqa' t-talba u tirrevoka *contrario imperio* l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4245/00 u dana bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.